MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 18/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Oman Galea, ta' 18-il sena, bin missier mhux maghruf u Regina Galea, imwieled Pieta', nhar it-22 ta' Novembru, 1991, residenti fil-fond numru 32, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana u detentur tal-karta tal-identita' numru 62092(M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Oman Galea li gie akkuzat talli:

a) Bejn nhar it-18 u d-19 ta' Jannar, 2010, gewwa dawn il-Gzejjer, minn gewwa l-fond 'Taz-Zbib, Triq Ghammar, Ghasri (Ghawdex), seraq €1,600.00 liema serq

huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bis-skalata u bil-persuna, ghad-detriment ta’ Peter Portelli;
b) Ukoll talli nhar it-30 ta’ Dicembru, 2009, gewwa dawn il-Gzejjer, minn gewwa l-fond 28, Triq il-Maxrabija, Ghasri (Ghawdex), seraq €300.00 liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-mezz, ghad-detriment ta’ Maria Tabone;
c) U fl-ahhar talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex (Mgt. Dr. E. Grima LL.D.) moghtija fil-04/12/07, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi mismugha u fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat dwar l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess;

Illi dwar it-tieni (2) akkuza l-Qorti ser taghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Maria Tabone l-allegata vittma li tghid fix-xhieda taghha, a fol sitta u ghoxrin (26) u sebgha u ghoxrin (27) tal-process, illi ghalkemm hija hasbet ghall-ewwel li kienet giet derubata mill-imputat, madanakollu wara skopriet illi fil-fatt l-imputat ma kienx seraqha. Ghaldaqstant dina l-akkuza fid-dawl tax-xhieda tal-istess Maria Tabone ma tistax tirrizulta ppruvata;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 31, 49 u 50, 261(b)(c)(d), 263(a), 267, 268(b), 278(1)(3) tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) akkuza, issibu hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u tikkundannah ghall-perijodu ta’ seba’ (7) xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perijodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv;

Finalment, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta’ sebgha u erbghin ewro u hamsin centezmu (€47.50) bhala spejjez peritali lir-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------